DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/213/PESK

tal-14 ta' April 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea ([1]).

(2) Bil-ħsieb tal-iżviluppi tar-Repubblika tal-Ginea, l-embargo fuq l-armi u l-embargo fuq it-tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna għandhom jitneħħew.

(3) Id-Deċiżjoni 2010/638/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 2010/638/PESK, jitħassru l-Artikoli 1 u 2.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' April 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
C. ASHTON

([1]) ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10.